# PREMJU GĦALL-ARTI 2026

# NOMINAZZJONIJIET

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

IPPUBLIKATI: ĠUNJU 2026

# Linji Gwida għan-Nominazzjonijiet

## 1. Introduzzjoni

Il-Premju għall-Arti huwa ċelebrazzjoni nazzjonali organizzat mill-Kunsill Malti għall-Arti fejn jippremja l-eċċellenza, l-innovazzjoni u l-kisbiet fis-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta.

L-edizzjoni Premju għall-Arti 2026 se ssir fit-Teatru Manoel u se tirrikonoxxi x-xogħlijiet, proġetti, produzzjonijiet, inizjattivi u kisbiet artistiċi eċċellenti li saru tul il-perjodu eliġibbli.

L-iskop tal-fażi tan-nominazzjoni hu li jidentifika xogħlijiet artistiċi u kreattivi li ħaqqhom ikunu magħrufin u li ħaqqhom jitqiesu għall-Premju għall-Arti 2026.

## 2. Perjodu eliġibbli

Biex nominazzjoni titqies eliġibbli, trid tirrelata għal xogħlijiet, proġetti, produzzjonijiet, inizjattivi, programmi, esebizzjonijiet, prestazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, skrinjar, rilaxxi jew attivitajiet artistiċi oħrajn li ġew ippreżentati, esebiti, ippubblikati, murija għall-ewwel darba, mnedija, maħduma, skrinjati, rilaxxati, jew li saru disponibbli għall-pubbliku b'mod ieħor bejn:

**L-1 ta' Settembru 2025 u l-31 ta' Awwissu 2026**

Xogħlijiet li ġew ippreżentati barra minn dan il-perjodu mhux se jitqiesu eliġibbli.

## 3. Min Jista' Jiġi Nnominat?

Jistgħu jiġu sottomessi nominazzjonijiet għal:

- Artisti individwali, prattikanti kreattivi u/jew produtturi ta' films lokali
- Organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi
- Kollettivi u gruppi
- NGOs kulturali
- Kumpaniji u intrapriżi li joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi
- Entitajiet u organizzazzjonijiet pubbliċi
- Produzzjonijiet, proġetti, programmi, avvenimenti, esebizzjonijiet, pubblikazzjonijiet, prestazzjonijiet, films, inizjattivi artistiċi, u xogħlijiet kreattivi oħrajn

Il-persuni nominati għandhom ikunu individwi, organizzazzjonijiet, gruppi, kollettivi, kumpaniji jew entitajiet Maltin jew ibbażati f'Malta. Fil-każ ta' gruppi jew kollettivi, dawn għandhom ikunu primarjament ibbażati f'Malta u joperaw minn Malta.

Kemm xogħlijiet oriġinali kif ukoll dawk adattati jistgħu jiġu nominati.

## 4. Min Jista' Jissottometti Nominazzjoni?

In-nominazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi minn:

- Membri tal-pubbliku
- Artisti u prattikanti kreattivi
- Produtturi u promoters
- Organizzazzjonijiet kulturali
- Entitajiet pubbliċi
- Entitajiet privati

**In-nominazzjonijiet li jsiru minn persuni għalihom infushom huma aċċettati u inkoraġġuti.**

## 5. Kategoriji

Għall-edizzjoni 2026, se jinġabru nominazzjonijiet mingħajr kategoriji tal-premji ddefiniti minn qabel.

Wara d-data ta' skadenza tal-fażi tan-nominazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti se jevalwa n-nominazzjonijiet eliġibbli kollha u jistabbilixxi l-kategoriji tal-premji li se jagħmlu parti mill-proċess tal-applikazzjoni u evalwazzjoni.

Għalhekk, dawk kollha li se jissottomettu n-nominazzjonijiet huma mħeġġa jissottomettu kwalunkwe xogħol, proġett, inizjattiva jew kisba li jemmnu li juri l-eċċellenza, l-innovazzjoni, l-impatt jew il-kontribut artistiku għas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta.

## 6. Kif Tissottometti Nominazzjoni

In-nominazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Formola ta' Google uffiċjali tal-Premju għall-Arti 2026 sa nhar **it-Tlieta l-1 ta' Settembru 2026 f'nofsinhar**.

Il-persuni li jissottomettu n-nominazzjonijiet se jintalbu jipprovdu:

- It-titlu jew l-isem tax-xogħol, proġett, programm, inizjattiva jew kisba nominat/a
- L-isem tal-individwu, l-organizzazzjoni, il-kollettiva jew l-entità li qed j/tiġi nnominat/a
- Id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna nnominata (fejn dawn huma disponibbli)
- Id-data jew id-dati meta ġie ppreżentat ix-xogħol għall-pubbliku
- Deskrizzjoni qasira tax-xogħol
- Spjegazzjoni qasira dwar ir-raġuni għan-nominazzjoni tax-xogħol
- Links, siti web, paġni tal-midja soċjali, reċensjonijiet jew materjal ta' appoġġ rilevanti (fejn dawn huma disponibbli)

**Nominazzjoni waħda għal kull proġett hija biżżejjed biex tkun eliġibbli għall-kunsiderazzjoni. Bosta nominazzjonijiet għall-istess proġett mhumiex se jagħtu vantaġġ addizzjonali tul il-proċess ta' nominazzjoni.**

## 7. X'Jiġri Wara l-Proċess tan-Nominazzjoni?

Wara d-data ta' skadenza għan-nominazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti se:

1. jivverifika l-eliġibbiltà tan-nominazzjonijiet kollha riċevuti.
2. jistabbilixxi l-kategoriji tal-premji abbażi tan-nominazzjonijiet sottomessi.
3. jikkuntattja lill-persuni nnominati direttament u jistedinhom jissottomettu applikazzjoni kompluta skont il-kategorija applikabbli. Il-persuni nnominati se jintalbu jagħtu informazzjoni addizzjonali u dokumentazzjoni ta' appoġġ rilevanti għall-kategorija applikabbli.
4. jipprovdi l-linji gwida u r-regolamenti uffiċjali tal-Premju għall-Arti 2026 lill-persuni nnominati, inklużi l-kategoriji tal-premjijiet, ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà u l-kriterji tal-evalwazzjoni.

Il-persuna nnominata tirriżerva d-dritti li taċċetta jew tirrifjuta n-nominazzjoni tagħha.

## 8. Kundizzjonijiet Ġenerali

- Is-sottomissjoni ta' nominazzjoni ma tiggarantix li l-persuna nnominata se tintgħażel bħala finalista jew ir-rebbieħa ta' premju.
- Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jitlob kjarifika jew informazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' kwalunkwe nominazzjoni.
- Nominazzjonijiet mhux kompluti jew żbaljati mhux se jitqiesu eliġibbli.
- Kull informazzjoni sottomessa se titqies b'mod kunfidenzjali u se tintuża esklussivament għall-proċess u l-amministrazzjoni tal-Premju għall-Arti 2026.
- Wara l-fażi ta' nominazzjoni, il-Kunsill Malti għall-Arti se jistabbilixxi l-kategoriji tal-premji u jassenja n-nominazzjonijiet eliġibbli fil-kategoriji li jqis li huma l-aktar xierqa.

## 9. Kuntatt

Għal aktar informazzjoni dwar il-proċess tan-nominazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

**Kunsill Malti għall-Arti**
Email: awards@artscouncil.mt

Telefown: +356 2334 7201